MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 441/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Christiansen Bartolo bin Joseph Mary u Rita nee' Saliba,
imwieled fis-17 ta' Lulju, 1981 u residenti Blk M, Triq iz-Znuber, Santa Lucija, Malta, detentur
tal-karta tal-identita' numru 386181(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Christiansen Bartolo li gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju, 2008 ghal habta ta' 10:30hrs gewwa Arcadia Shopping Complex, Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex:

1) Ikkommetta serq ta’ malja tal-ghawm tal-marka Springfield ta’ valur €25.99, qalziet ta’ taht tal-marka Energie ta’ valur €18.52, shorts tal-marka Tom Taylor valur ta’ € 53.95, cintura tal-marka Tom Taylor valur ta’ €18.52 ghad-detriment ta’ Arcadia Shopping Complex liema oggetti jiswew €116.98
2) U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mhassra;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ 49, 50 u 289 u 284 tal-Kapitolu 9;

Ikkunsidrat;

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-fatt illi l-imputat hallas ghar-res furtiva u ammetta l-akkuzi, tqieghdu taht probation order ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u dana b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446;

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------